MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2003

Appell Kriminali Numru. 34/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli nhar is-26 ta' Lulju 2000 wara nzul ix-xemx:

(1) ghamel ingurji jew hedded lil Victor Spiteri, fil-kapacita` tieghu bhala Chairman tal-P.T.A., jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
(2) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi cioe` fil-fond imsemmi kiser il-bon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied kif ukoll qal kliem oxxen jew indicenti u/jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'mod iehor mhux

provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;
(3) talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded b'gebel jew hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra persuna "inkarigata skond il-ligi" (*sic!*) fosthom l-Ispettur M'Stella Cutajar, u aktar talli waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghad-direzzjoni ta' l-Ispettur M'Stella Cutajar;
(4) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna/i inkarigata/i skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jaggixxu ghall- esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;
(5) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza, fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien ghamel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz
(6) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji jew hedded lil persuna/i inkarigat/i skond il-ligi "mill-awtorita` kompetenti" (*sic!*) bi kliem jew jekk kienu provokati, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

L-ewwel qorti kienet mitluba illi barra milli taghti l-piena skond il-ligi tapplika is-solita garanzija ai termini ta' l-Art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Frar 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil imsemmi Joseph Zahra hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena komplessiva ta' sitt xhur prigunerija, kif ukoll rabtitu ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas, li ma jingurjax, ma jhedditx u ma jimmolestax lil Victor Spiteri u lill-Ispettur Maria Stella Cutajar;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Zahra, minnu prezentat fil-25 ta' Frar 2003, li permezz tieghu talab ir-

revoka tal-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Tajjeb li qabel xejn jigi precizat li l-Avukat Generali, bin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tat-3 ta' Awissu, 2001 (fol. 101) irridimensjona f'certu sens ir-reati ipotizzati fid-diversi imputazzjonijiet migjuba (b'mod pjuttost ingarbuljat) mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-appellant, allura imputat. In fatti fl-imsemmija nota l-Avukat Generali jikkwota l-Artikoli 338(dd)(ee) (ksur tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, u li wiehed ma jobdix l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` jew li jfixkel lill-istess awtorita`, it-tnejn kontravvenzjonijiet), 339(1)(b)(e) (zewg kontravvenzjonijiet ohra), 95 (oltragg lil ufficjal pubbliku), 96 (attakk u resistenza kontra persuna ingarigata minn servizz pubbliku), 18 (li jikkontempla r-reat fil-figura kontinwata tieghu), **99 (li jipprovdi ghall-helsien mill-piena fil-kaz ta' dawk li ma jissoktawx fl-ezekuzzjoni tad-delitt ta' attakk u resistenza)**, 383 (li jipprovdi ghall-garanzija jew precett), 17(c) u 20 (li jipprovdu dwar kif ghandha tinhadem il-piena), u 23 (konfiska tal-*corpus delicti*) – din il-Qorti difficilment tifhem x'seta jigi konfiskat f'dan il-kaz peress li l-pulizija li marru biex jarrestaw lill-appellant ma elevaw xejn u ma ezibew xejn taht l-awtorita` tal-Qorti.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid-dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista'

jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal-prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il-prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh. Issa, fil-kaz in dizamina ma ghandniex kawza sommarja, izda kumpilazzjoni. Fi kliem iehor il-provi ingabru fuq numru ta' granet, u mill-provi mismugha wiehed seta' facilment jifhem il-"post", il-"hin" u c-"cirkostanza" ta' kull imputazzjoni. Meta, ghalhekk, l-appellant Zahra gie biex jaghmel id-difiza tieghu huwa kien jaf ezattament b'liema fatti kien qed jigi imputat, u liema kienu r-reati li kienu qed jigu ipotizzati fil-konfront tieghu (u dan, naturalment, aktar u aktar wara n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali). Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

L-appellant jilmenta wkoll dwar il-piena, li hu jqis li kienet wahda eccessiva. Effettivament meta wiehed iqis in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali jsib li l-appellant instab hati ta' erba' kontravvenzjonijiet, ta' delitt (Art. 96) li pero` f'dan il-kaz hu punibbli bhall-kontravvenzjonijiet, u ta' delitt iehor (Art. 95) li pero`, b'decizzjoni insindakabbli ta' l-Avukat Generali, gie kkwalifikat b'dak li jinghad fl-Artikolu 99 tal-Kodici Kriminali, u cioe` li m'ghandux jinghata piena ghar-rigward ta' dan id-delitt. Issa, mill-kumpless tal-provi, jirrizulta li l-appellant ghamel kazin shih meta l-pulizija murru jippruvaw jarrestawh biex jinvestigawh dwar theddida bit-

telefon li kien ghamel lil Victor Spiteri[1], wadbilhom qasrija kbira fid-direzzjoni taghhom (fortunatament minghajr ma laqghat lil hadd), u anke heddidhom b'katina tal-hadid. Anke jekk l-appellant kien, fil-gurnata in kwistjoni, qed ibati minn stat ta' ansjeta` kbira (ara c-certifikat mahrug mic-Centru tas-Sahha, fol. 116), dan ma kienx jiggustifika l-mod kif huwa gab ruhhu mal-forzi ta' l-ordni. Mill-banda l-ohra, il-piena li kellha tinghata fid-dawl ta' dak li diga nghad fir-rigward tal-artikoli kkwotati mill-Avukat Generali kellha tkun dik ta' detenzjoni u mhux ta' prigunerija, u dan anke jekk b'applikazzjoni tal-paragrafi (c) u (d) tal-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Certament il-fedina penali ta' l-appellant ma tantx tghin biex wiehed jista' jimmitiga l-piena.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghall-piena ta' hamsa w sebghin (75) gurnata detenzjoni; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu ta' sena ta' l-obbligazzjoni skond l-Artikoli 383 *et seq.* tal-Kodici Kriminali jibda jiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Chairman tal-Public Transport Association u mhux tal-Public Transport Authority, kif erroneament indikat fis-sentenza appellata